**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 316/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Eugenio Zammit**
**(ID 579576(M))**

**DIGRIET**

Illum, 30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Rat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat **Eugenio Zammit**, iben Edwin u Theresa nee` Chetcuti, imwieled Attard nhar l-1 ta' Novembru 1976, residenti 20, Triq Dr. Enrico Mizzi, Mosta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 579576(M), jinsab akkużat talli fid-29 ta' Ottubru 2005 u fit-tmien snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda: a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina; b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina f'tali ċirkostanzi li juru li din ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu; u ċ) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta tal-cannabis;

Rat it-talba tad-difiża magħmula minnha fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u talbet ukoll illi għal dan il-għan tkun tista' tressaq il-provi, sabiex turi illi r-rekwiżiti meħtieġa ai termini tal-Artikolu 8(2) tal-istess Kap. 537 huma sodisfatti;[1]

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-istess jum, li permezz tiegħu laqgħet it-talba tad-difiża sabiex tressaq il-provi msemmija;

Rat id-digriet tagħha, ukoll tas-6 ta' Mejju 2019, li permezz tiegħu fuq talba tad-difiża, ħatret lil Dr. Roberta Holland bħala espert sabiex tirrelata dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga kokaina fix-xahar ta' Ottubru 2005 u fit-tmien snin ta' qabel din id-data;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż ir-relazzjoni tal-espert Dr. Roberta Holland u s-*Social Inquiry Report* redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Deborah Farrugia;

Rat illi dwar din it-talba tad-difiża, il-partijiet irrimettew ruħhom għall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat Eugenio Zammit qiegħed jiġi akkużat bir-reati ta' traffikar u pussess aggravat tad-droga kokaina, kif ukoll bil-pussess tar-raża meħuda mill-pjanta tal-*cannabis*, u dan rifferibilment għall-jum tad-29 ta' Ottubru 2005 u t-tmien snin ta' qabel din id-data, wara li nhar id-29 ta' Ottubru 2005, allegatament l-imputat instab fil-pussess tas-sustanzi kokaina u raża tal-*cannabis*, fost affarijiet oħrajn.

Illi ai termini tal-Artikolu 8(2) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ewwel rekwiżit li jrid jiġi sodisfatt sabiex tiġi milqugħa t-talba tad-difiża huwa illi r-reati li bihom l-imputat jinsab akkużat huma sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tal-istess imputat fuq id-droga. Dwar dan ir-rekwiżit, l-uniċi provi li ressqet id-difiża u li qegħda tistrieħ fuqhom għal fini tat-talba tagħha huma r-relazzjoni tal-espert Dr. Roberta Holland, maħtura mill-Qorti fuq talba tal-istess difiża u r-rapport redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* fir-rigward tal-imputat.

Illi mir-relazzjoni tal-espert Dr Robert Holland, jirriżulta illi l-imputat kellu trobbija tajba ferm, b'dan illi meta huwa kellu madwar tmintax il-sena, l-istess imputat beda jagħmilha ma' persuni mir-raħal tiegħu stess, li kellhom influwenza negattiva fuqu u li magħhom huwa beda jagħmel użu mid-droga kokaina. Skont

[1] Ara l-verbal a fol. 120 tal-proċess.

l-istess relazzjoni, maż-żmien huwa beda jixtri din id-droga fi kwantita` ikbar u beda dejjem iżid fl-użu, kemm in kwantu kwantita`, kif ukoll frekwenza. Wara evalwazzjoni tal-fatti mistħarrġa minnha, fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti, l-istess espert tgħid hekk:

> *"Rigward id-dipendenza, jiġifieri f'Ottubru jidher li kien dipendenti u anke fis-snin ta' qabel. Bħala livell kien pjuttost sever ukoll."*[2]

Illi l-istħarriġ tal-istess espert Dr. Roberta Holland, li huma ta' relevanza għall-finijiet tal-provvediment odjern ġew minnha rakkolti u rapportati kif isegwi:

> *"L-ewwel darba li uża l-kokaina kien f'xi okkażjoni meta kien ħareġ biex jiddeverti ma' sħabu. L-imputat jiftakar li xi ħadd minn sħabu kellu l-kokaina u kienu għamlu dan flimkien. Huwa kellu madwar għoxrin sena. Minn hawnhekk, huwa baqa' juża b'mod okkażjonali meta joħroġ ma' sħabu, u kien jiddobba ma' sħabu. Huma għamel xi ħames snin fejn għalkemm kien żied xi ftit id-doża, il-frekwenza ta' użu, u anke l-ammont li kien juża, l-użu baqa' dejjem jidher ikkontrollat u l-iktar fi tmiem il-ġimgħa. Huwa jiddeskrivi effetti tipiċi ta' tali użu. F'dak il-perjodu, huwa kien ġieli uża drogi oħra bħal ecstasy u anke kannabis. Pero`, dawn ma kienux xi sustanzi li kienu jappellaw għalih b'xi mod partikolari u l-użu tagħhom kien biss sporadiku. Minn xi tlett snin qabel il-każ, l-imputat kien qabad sistema li jixtri ammont sostanzjali u jikkonsmaħ bil-mod il-mod. F'dak iż-żmien kien iltaqa' ma iżjed nies mill-qasam tad-droga u minn għand min kien jakkswista, kien ibiegħlu f'ammonti konsiderevoli. Bl-ammont li kien ikollu f'idejh, kien ħafna iżjed faċli li juża, u mingħajr ma nduna, l-użu kien sar iżjed regolari u anke frekwenti. Sa qabel dan iż-żmien, il-fatt li ġeneralment ma kienx juża fost il-ġimgħa jew matul il-ġurnata, ġieli kien jabqeż xi ġurnata jew tnejn, il-fatt li ma kienx qed jisraq għal flus, il-fatt li baqa' jaħdem, u l-fatt li* [ma] *kienx jagħti impressjoni ta' persuna dipedendenti 'junkie' tipika, kien baqa' jemmen li huwa kellu kontroll. Fil-verita` jirrealizza li ma kellu kontroll xejn, għax minkejja li jgħid li kien jikkontrolla l-kilba li kien ikollu matul il-ġimgħa, hu kien ikun ħerqan jistenna tmien il-ġimgħa sabiex juża l-kokaina, fejn anke ġieli baqa' għaddej b'sessjonijiet ta' bingeing u bla waqfien. Meta mbagħad beda jkollu l-kokaina f'idejh, hu kien beda juża wkoll matul il-ġimgħa, u rari kien jagħmel iżjed minn*

[2] Ara a fol. 129 tal-proċess.

*jumejn ma juża l-kokaina. Kien hemm żmien fejn kien beda jsajjar u jpejjep il-kokaina biex jikkonsmaha. Pero` l-effetti ta' intossikazzjoni, l-effetti sakemm jirkupra, u l-kilba tad-dipendenza kienu tant żdiedu li reġa' beda juża l-kokaina biss minn imniffsejh. Hawnhekk jgħid li kien reġa żied fid-doża. Ħaġa oħra li turi n-nuqqas ta' kontroll kien il-fatt li dejjem kien ifittex li jkollu provvista aċċessibbli iżjed milli jistenna sabiex jixtri. Għalhekk kien konxju tal-fatt li x'ħin jew meta jrid, seta' juża l-kokaina, u dan kien itaffilu l-kilba. Għalkemm soċjalment ma jidhirx li kien hemm xi tibdil jew konsegwenzi drammatiċi, u l-anqas fl-imġieba, maż-żmien kien hemm konsegwenzi bħal fatt li ma kienx jirnexxilu jiġi f'tiegħu sal-ġuranta ta' wara għax-xogħol. Meta kien għadu jaħdem ma' ħaddieħor, jiftakar li l-imgħallem ġieli ċanfru għax kien jidher li ma jistgħax jaħdem sew. Meta kellu l-garaxx tiegħu bħala xogħol, kien hemm drabi fejn minflok jaħdem, kien imur jorqod, u l-ġlied ma' tad-dar kien żdied xi ftit minħabba l-ljieli twal li kien iqatta' barra. F'dawk iż-żminijiet jiftakar li anke finanzjarjament, kien jispiċċa f'sitwazzjoni mhix daqshekk faċli u n-negozju tiegħu kien bata xi ftit. L-effetti kienu wkoll fiżiċi u l-imputat ġieli kien jinfaraġ, kellu bidla fid-dieta, fil-piż u fl-irqad. Spiss kien iħoss qalbu tħabbat mgħaġġla bla waqfien.*

*Qatt ma basar li kien ser jagħmel daqshekk snin juża u li fil-fatt ma kienx ser jirnexxilu jieqaf meta jrid hu. Speċjalment wara xi tmiem il-gimgħa jew xi lejl fejn kien juża l-kokaina bla kontroll, u kien ibagħti l-effetti ta' hangover, spiss kien jgħid lilu nniffsu li kien ser jieqaf, jew li ser inaqqas, iżda qatt ma ħa passi konkreti biex isaħħaħ dan il-ħsieb. L-imputat kien ukoll iħares lejh innifsu u jħoss sens ta' mistħija meta jiftakar dak li trabba fih u t-tagħlim li kien ħa, u jqabbel dan ma' kif kien qiegħed iġib ruħu. Dawn il-ħsibijiet kien kawża ta' ansjeta' li madanakollu kien jerġa jeħles minnha permezz ta' iżjed kokaina.*

*Meta kellu l-każ, dan tant kien xokk għalih li mill-ewwel beda jipprova jaqta mill-użu tal-kokaina. L-imputat jiftakar li ma kienx irnexxielu jieqaf għal kollox mill-ewwel u fil-fatt dam madwar erba xhur b'kollox sa kemm irnexxielu jnaqqas sew, u perjodu ta' madwar sentejn meta kien juża b'mod rari, qabel fl-aħħar irnexxilu ma jerġgħax imiss ma' droga. Huwa naqqas mill-ħruġ anke peress li beda jibża u jistħi jidher barra. B'dan qata' minn mal-kumpanija li kien jagħmilha magħhom u ftit ftit beda jinfexx fix-xogħol. Biex jaljena ruħu u moħħu, u fl-istess ħin jinvolvi ruħu f'xi ħaġa*

*produttiva, xi xhur wara l-każ, kien beda kors l-universita`. Għalkemm kien waqaf wara sena, dan il-kors kien għenu jbiddel l-istil ta' ħajja, in-nies u ħbieb li kien jagħmilha magħhom, u għenu jiffoka fuq xi ħaġa oħra. Reġa beda jara lilu nnifsu fir-rwol li iżjed seta jassoċja ruħu miegħu, u cioe` dak ta' persuna sensibbli u responsabbli. Ftit wara kien beda joħroġ mat-tfajla, li llum hija martu, u minn hawnhekk ma reġgħax ħares lura. Huwa baqa astinenti minn dak iż-żmien u llum il-ġurnata wieħed jista' jikkonkludi li m'għadx għandu problema bid-droga. Mill-komunika li saret mal-Uffiċjal tal-Probation Deborah Farrugia, din ikkonfermat li hi segwiet lill-imputat għal fini ta' rapport u li testijiet tossikoloġiċi li ttieħdu irriżultaw fin-negattiv."*[3]

Illi fir-relazzjoni tagħha, l-istess espert imbagħad tikkonkludi illi a bażi tal-analizi li saret, u wara li kkunsidrat kemm l-informazzjoni li provda l-imputat waqt l-intervista klinika, l-osservazzjonijiet kliniċi, kif ukoll l-assessjar strutturat, l-imputat kien dipendenti fuq id-droga kokaina fiż-żmien in kwistjoni, u illi d-diżordni fl-użu kien ta' livell sever bil-klassifikazzjoni finali skont id-DSM-5 bħala waħda ta' *Severe Cocaine Use Disorder*.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi tenut kont tal-konklużjonijiet raġġunti mill-espert Dr. Robert Holland, tenut kont ukoll taċ-ċirkostanzi allegati f'dan il-każ, kif ukoll in-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-istess imputat, il-Qorti hija sodisfatta illi r-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(a) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti, u ċioe` illi r-reati li bihom jinsab mixli l-imputat Eugenio Zammit huma sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza pruvata fuq id-droga tal-istess imputat.

Illi in oltre mill-atti jirriżulta illi miż-żmien tal-każ odjern, l-imputat għeleb il-vizzju tad-droga u llum jgħix ħajja stabbli u għandu wkoll in-negozju tiegħu. M'hemmx dubju illi l-imputat għamel progress sostanzjali sabiex jeħles mid-dipendenza tiegħu mid-droga u għalhekk tqis illi r-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(ċ) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta huma wkoll sodisfatti.

Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, il-Qorti qed tqis ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u illi ma tirriżulta l-ebda waħda jew iktar mill-projbizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 13 tal-istess Kap. 537 għall-applikabilita` tal-Artikolu 8.

[3] Ara a fol. 139 sa 141 tal-proċess.

**Konklużjoni**

Tenut kont ta' dan kollu, f'dan l-istadju l-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta jissussistu u għaldaqstant qed tilqa' t-talba tad-difiża u qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement qegħda tirreferi lill-imputat **Eugenio Zammit** quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat